# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Numru: 2**

**Appell Numru: 166/2025/1**

**Il-Perit u Arkitett Ċivili Anthony Mangion**

**v.**

**Il-Perit Andrè Pizzuto fil-kwalità tiegħu ta' President għan-nom u in rappreżentanza tal-Kamra tal-Periti**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar talba magħmula mill-Perit Anthony Mangion f'rikors tal-appell tal-21 ta' April, 2025 sabiex issir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali taħt l-**Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenjoni Ewropea**.

2. Bħala fatti jirriżulta li fit-2 ta' Marzu, 2020 kienet iġġarrfet binja fil-Ħamrun, fejn tilfet ħajjitha Maria Assunta Pace.

3. Wara dan l-inċident il-Perit Anthony Mangion ġie mixli mill-Pulizija Eżekuttiva: (i) bl-omiċidju involontarju tagħha; (ii) li wettaq ħsara involontarja f'diversi postijiet fil-madwar ta' fejn seħħet it-traġedja; (iii) li ta dikjarazzjoni jew tagħrif falz lill-awtorità pubblika; (iv) li ta dikjarazzjoni falza għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni (Leġislazzjoni Sussidjarja 513.06)**; u (v) li ma mexiex mar-**regolamenti 2, 3, 4, 7, 8 u 10** tar-**Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni (Leġislazzjoni Sussidjarja 513.06)** u b'mod partikolari mar-**regolament numru 21(3)** peress li naqas milli jkun preżenti fuq is-sit ta' kostruzzjoni kull meta kienu qed jittieħdu deċiżjonijiet li jolqtu r-riskju ta' ħsara lill-proprjetà ta' terzi persuni jew korriment lill-persuni li setgħu jiġu kkawżati mix-xogħlijiet. Fl-imsemmija proċeduri kriminali, il-Pulizija Eżekuttiva talbet sabiex b'żieda ma' kull piena, il-Qorti tordna wkoll jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-tħassir jew l-iskwalifika tal-Perit Mangion milli jżomm jew jikseb xi *warrant*, liċenzja, permess jew awtorità oħra maħruġa mill-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra skont l-**Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali**.

4. B'sentenza mogħtija fl-1 ta' Lulju, 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-Perit Anthony Mangion ħati biss tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet dwar l-omiċidju u l-ħsara involontarja u bħala piena hija ddeċidiet li minflok sentenza ta' priġunerija, tpoġġih taħt ordni ta' servizz fil-komunità, bil-kundizzjoni li huwa jagħmel xogħol bla ħlas għal 400 siegħa. Barra minn hekk, il-Perit Mangion ġie kkundannat iħallas multa ta' €8,000.

5. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, b'sentenza tat-28 ta' Lulju, 2022, ikkonfermat il-ħtija tal-Perit Anthony Mangion dwar l-omiċidju u l-ħsara involontarja u sabitu ħati wkoll tal-ħames imputazzjoni li mexa bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni (Leġislazzjoni Sussidjarja 513.06)**. Bħala konsegwenza l-piena ġiet mibdula wkoll, billi minflok multa ta' €8,000 huwa weħel piena ta' ħmistax-il xahar priġunerija sospiża għal sentejn, basta li f'dan iż-żmien ta' sentejn ma jwettaqx reat ieħor li jġib miegħu piena ta' priġunerija. L-ordni ta' servizz fil-komunità tħalliet kif inhi.

6. Sadattant, waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri kriminali, il-Kumitat tal-Kamra tal-Periti[1] ddeċieda minn jeddu biex jinvestiga jekk f'dan il-każ seħħx xi nuqqas min-naħa tal-Perit Anthony Mangion taħt l-**Att Dwar il-**

[1] Għalkemm ir-**Regolamenti dwar il-Kamra tal-Arkitetti** taħt il-**Liġi Sussidjarja 390.01** jirreferu għall-Kamra tal-Arkitetti, din il-Qorti ħa tirreferi għal din il-Kamra bħala l-Kamra tal-Periti kif imsemmi fl-**Att Dwar il-Periti (Kap 390 tal-Liġijiet ta' Malta)**.

**Periti** u/jew tar-**Regolamenti dwar il-Kamra tal-Arkitetti (Leġislazzjoni Sussidjarja 390.01)**. Wara li ntemm dan il-proċess, il-Kumitat tal-Kamra tal-Periti sab li l-Perit Anthony Mangion kien ħati: (i) li bħala *Site Technical Officer* naqas milli jenforza l-*method statement*; (ii) li naqas milli jkun preżenti fuq is-sit ta' kostruzzjoni waqt it-teħid tad-deċiżjonijiet; u (iii) li naqas milli jieħu sehem fit-tħejjija tal-*method statement*.

7. Bħala riżultat ta' dawn in-nuqqasijiet, il-Kumitat tal-Kamra tal-Periti ddeċieda li jissospendi lill-Perit Anthony Mangion mill-eżerċizzju tal-*warrant* tiegħu għal 14 xahar.

8. Il-Perit Anthony Mangion appella minn din id-deċiżjoni quddiem din il-Qorti tal-Appell, b'rikors tal-21 ta' April, 2025.

9. Fl-ewwel aggravju tiegħu huwa qajjem għadd ta' ilmenti li għandhom x'jaqsmu mal-jeddijiet fundamentali tiegħu, kif dawn jinsabu mħarsa taħt l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u minħabba f'hekk huwa talab li ssir referenza kostituzzjonali.

10. Min-naħa l-oħra l-Perit André Pizzuto f'isem il-Kamra tal-Periti wieġeb fl-20 ta' Mejju, 2025 fejn fisser għaliex it-talba għar-referenza kostituzzjonali għandha tiġi miċħuda.

11. Inżamm smigħ fit-22 ta’ Mejju, 2025 fejn il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar din it-talba għar-referenza kostituzzjonjali u minn hemmhekk l-appell ġie differit sabiex jingħata dan il-provvediment tal-lum.

12. L-**<u>ewwel ilment</u>** tal-appellant Perit Mangion għandu x’jaqsam mal-prinċipju tan-*ne bis in idem*. Il-Perit Mangion jsostni li l-kwistjoni dwar is-sospensjoni tal-*warrant* tiegħu ġiet deċiża mill-Qrati Kriminali u għalhekk huwa jargumenta li din il-kwistjoni ma setgħetx terġa’ tiġi deċiża wkoll mill-Kumitat tal-Kamra tal-Periti.

13. Fis-smigħ tat-22 ta’ Mejju, 2025, l-avukat tal-Perit Mangion iddikjara li huwa m’għadux aktar jinsisti fuq dan l-ilment tan-*ne bis in idem*, tant li huwa rtira dan il-parti tal-aggravju mill-appell tiegħu (ara paġna 252 tal-atti tal-kawża).

14. Billi għalhekk dan l-ilment ġie irtirat, din il-Qorti m’għandhiex għalfejn tqisu aktar.

15. Fit-**<u>tieni ilment</u>** tiegħu l-appellant jilmenta dwar ksur tal-prinċipju tan-*nemo iudex in causa propria* u dwar in-nuqqas ta’ imparzjalità oġġettiva tal-Kumitat tal-Kamra tal-Periti. Huwa jisħaq li ma jistax ikun li

l-istess Kumitat li ddeċieda minn jeddu li jinvestigah minħabba dak li ġara fit-2 ta' Marzu, 2020, jgħaddi biex ifassal u joħroġ l-akkużi kontrih u mbagħad isibu ħati tagħhom. F'dan is-sens, huwa jisħaq li r-**Regoli 5** u **6 tar-Regolamenti Dwar il-Kamra tal-Arkitetti**, li jagħtu s-setgħa lill-Kumitat tal-Kamra tal-Periti li jniedi proċedura ta' inkjesta kontra periti u li jikkastigahom f'każ ta' sejbien ta' xi nuqqas, jagħtu lok għall-ksur tal-prinċipju tal-imparzjalità, kif imħares taħt l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

16. Illi skont l-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** persuna akkużata b'reat kriminali għandha jedd li tiġi mogħtija smigħ xieraq quddiem qorti imparzjali, filwaqt li skont l-**Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili jistgħu jiġu deċiżi mhux biss minn qorti imma anke minn awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi, basta li dawn ukoll ikunu imparzjali. Mill-banda l-oħra taħt l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, kemm deċiżjoni dwar drittijiet jew obbligi ċivili, kif ukoll deċiżjoni dwar akkuża kriminali għandhom jingħataw minn tribunal imparzjali li huwa mwaqqaf b'liġi.

17. Fil-każ tagħna l-argument tal-Perit Mangion li l-Kumitat tal-Kamra tal-Periti mhuwiex organu imparzjali għaliex kien hu li investigah u xlieh b'għadd ta' nuqqasijiet, qabel ma ssokta biex ikkastigah bis-sospensjoni

tal-*warrant* mhuwiex argument sempliċement fieragħ u vessatorju. Anzi din il-Qorti tħoss li dan huwa punt li jixraq tweġiba mingħand qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali, ladarba l-Perit Mangion qiegħed jallega li hija l-liġi sussidjarja stess li hija l-għajn tal-ksur kostituzzjonali u konvenzjonali għaliex tippermetti lill-Kumitat li jkun investigatur, prosekutur u ġudikant fl-istess waqt.

18. Madankollu biex tiġi mwieġba din il-kwistjoni, jeħtieġ iżda li wieħed qabel xejn jiddetermina jekk f'dan il-każ il-Kumitat tal-Kamra tal-Periti kienx qiegħed jiddetermina xi akkużi ta' sura kriminali jew inkella xi jeddijiet jew obbligi ta' natura ċivili. Dan għaliex id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħoddu biss meta jkun hemm involuti akkużi kriminali jew inkella xi drittijiet u obbligi ċivili.

19. It-**<u>tielet ilment</u>** jolqot il-kompożizzjoni tal-Kamra tal-Periti u l-irwol tal-Perit Anthony *sive* Toni Bezzina, kemm fl-elezzjonijiet tal-Kumitat tal-Kamra tal-Periti, kif ukoll fil-proċeduri li wasslu għas-sospensjoni tal-*warrant*. L-appellant Perit Mangion l-ewwel jallega li l-elezzjoni tal-Kumitat saret bi ksur tal-regolamenti. Imbagħad huwa jkompli billi jallega li l-Perit Toni Bezzina kellu relazzjoni professjonali ta' ħidma mal-kuntrattur li skont l-appellant jaħti għall-inċident li dwaru saret is-sospensjoni tal-*warrant* tiegħu. Iżid jgħid li l-Perit Bezzina kien preżenti

għas-seduti kollha li fihom inġabru l-provi u kien preżenti wkoll meta ġie deċiż x'piena ser tiġi imposta fuq l-appellant. Għall-appellant dan joħloq każ ta' kunflitt ta' intreress li jannulla d-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat tal-Kamra tal-Periti. U biex isaħħaħ il-fehma tiegħu huwa jirreferi għas-sentenza ***Hitachi Zosen Inova AG – Terna S.A. v. Dipartiment tal-Kuntratti et*** deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Ġunju, 2024.

20. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tali "*kwistjoni kostituzzjonali*" mqanqla mill-Perit Mangion hija waħda sempliċement frivola u vessatorja għaliex ilmenti dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat u ilmenti dwar allegat kunflitt ta' interess huma punti fattwali u legali li jistgħu jiġu deċiżi minn din il-Qorti bla ħtieġa ta' direzzjoni minn qorti b'setgħat kostituzzjonali. Dan hekk kif ġara fil-każ ta' ***Hitachi Zosen Inova AG – Terna S.A. v. Dipartiment tal-Kuntratti et*** imsemmi mill-appellant stess. Għalhekk dwar dan l-ilment ma hemmx bżonn ta' referenza kostituzzjonali.

21. L-**<u>aħħar ilment</u>** huwa dwar il-fatt li skont l-appellant il-proċedura mħaddna mill-Kumitat tal-Kamra tal-Periti kienet ta' natura kriminali u għalhekk huwa kellu jgawdi mill-jedd tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Dejjem skont l-appellant, ir-**Regola 7 tar-Regolamenti Dwar il-Kamra tal-Arkitetti** li tgħid li ma għandha tittieħed ebda deċiżjoni mill-kumitat jekk qabel ma tkunx ġiet mogħtija l-opportunità lill-perit biex jiskolpa ruħu, tmur kontra l-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Huwa jsostni li meta

l-Kumitat beda bl-investigazzjoni tiegħu, dan telaq mill-premessa li jrid isib xi ħaġa kontrih biex isibu ħati tagħha.

22. Illi l-prinċipju li kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati huwa wieħed li jinsab imħares kemm taħt l-**Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, kif ukoll taħt l-**Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea**.

23. L-argument tal-appellant li l-fakultà li wieħed jiskolpa ruħu taħt ir-**Regola 7 tar-Regolamenti Dwar il-Kamra tal-Arkitetti** jista' jkun inkompatibbli mal-jedd tal-preżunzjoni tal-innoċenza msemmi fl-**Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Mallta** u fl-**Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea** mhuwiex wieħed li ma jistħoqqlux stħarriġ minn qorti b'setgħat kostituzzjonali. Dan l-aktar meta wieħed iqis li l-appellant qiegħed jikkontesta sewwasew il-kostituzzjonalità tal-liġi nfisha, ħaġa li din il-Qorti tal-Appell m'għandhiex is-setgħa li tistħarreġ.

24. Għal darb'oħra biex tiġi mwieġba din il-kwistjoni, jeħtieġ li wieħed jistabbilixxi jekk il-Kumitat tal-Kamra tal-Periti kienx qiegħed jiddeċiedi akkużi ta' reati kriminali. Dan għaliex il-kunċett tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza jgħodd biss fil-każ ta' akkużi ta' reati kriminali.

25. Jekk it-tweġiba hija li f'dan il-każ il-Kumitat tal-Kamra tal-Periti ddeċieda akkużi ta' reati kriminali, wieħed irid jeżamina l-ilment dwar ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza fid-dawl tal-***proviso*** tal-**Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Gvern ta' Malta meta ffirma l-**Konvenzjoni Ewropea**, fejn kien iddikjara li l-**Artikolu 6(2)** tal-**Konvenzjoni** għandu jiġi interpretat fis-sens illi dan ma jipprekludix xi liġi partikolari milli timponi fuq xi persuna akkużata taħt dik il-liġi l-piż tal-prova ta' fatti partikolari (ara t-**Tieni Skeda** mehmuża mal-**Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea**).

26. Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk din il-Qorti qiegħda tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din twieġeb dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

i. Jekk il-proċeduri miżmuma quddiem il-Kumitat tal-Kamra tal-Periti għandhomx jitqiesu li ddeterminaw akkużi kriminali jew inkella jeddijiet jew obbligi ċivili għall-għanijiet tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**?;

ii. Jekk ir-**Regoli 5** u **6 tar-Regolamenti Dwar il-Kamra tal-Arkitetti** (**Leġislazzjoni Sussidjarja 390.01**) li taw is-setgħa lill-Kumitat tal-Kamra tal-Periti li jniedu proċedura ta' inkjesta kontra l-Perit Anthony Mangion u li jikkastigawh bis-sospensjoni tal-

*warrant* tiegħu, tawx lok għall-ksur tal-prinċipju tal-imparzjalità, kif imħares taħt l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** minħabba li l-Kumitat aġixxa kemm bħala investigatur, prosekutur u ġudikant fil-konfront tiegħu?;

iii. Jekk ir-**Regola 7 tar-Regolamenti Dwar il-Kamra tal-Arkitetti** (**Leġislazzjoni Sussidjarja 390.01**) li tat il-jedd lill-Perit Anthony Mangion jiskolpa ruħu mis-sejbiet tal-Kumitat tal-Kamra tal-Periti qabel kull deċiżjoni finali, ġabx miegħu ksur tal-jedd tiegħu tal-preżunzjoni tal-innoċenza kif imħares mill-**Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u mill-**Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea**?; u

iv. Jekk kemm-il darba jinstab li seħħ xi ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali, jekk dawn in-nuqqasijiet humiex biżżejjed serji biex jannullaw id-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kamra tal-Periti meħuda fl-4 ta' April, 2025 u jmewtu kull inkjesta u/jew proċedura mnedija mill-istess Kumitat?

27. Kopja ta' dan id-digriet għandha tintbagħat minnufih lill-avukati u lill-prokuraturi legali tal-partijiet.

28. Minħabba din ir-referenza, il-Qorti qiegħda tħalli l-appell *sine die* riappuntabbli fuq talba verbali jew fuq rikors mill-parti interessata meta tiġi deċiża definittivament ir-referenza tal-lum.

29. Fl-aħħar nett, tordna lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali sabiex skont ir-**Regola 5(2) tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)** jiżgura li l-inkartament tal-proċeduri jew kopja tiegħu awtentikata jinġieb mingħajr ebda dewmien u bl-urġenza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss